MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru 376/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Raymond Abdilla bin Joseph u Pauline nee' Muscat, imwieled fil-21/10/1910 fiz-Zurrieq joqghod Le Nid, Triq il-Kuccard, Safi u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 127955(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Raymond Abdilla li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fil-21/10/2010 ghall-habta tal-04:30hrs, gewwa Triq Valletta, Zurrieq:

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAE-148, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti

tat-traffiku, habat ma' vettura numru. CBO-641 w involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Ian Francalanza.
2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ian Francalanza skond kif iccertifika Dr.Anne Marie Busuttil MD, mill-MDH.
3. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christina Pace skond kif iccertifika Dr. C. Refalo MD, mill-MDH.
4. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Kimberely Camilleri u Madeleine Cachia skond kif iccertifika Dr.K. Blaire Theuma MD mill-MDH.
5. Akkuzat ukoll talli saq vettura b'manjiera (a)traskurata u (b)perikoluza.
6. U aktar naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika "Stop".

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-21 ta' Dicembru 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi dwar id-dinamika ta' dan is-sinistru stradali ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni. Jirrizulta illi kien ghal habta tal-erbgha u nofs ta' fil-ghodu fil-jum tal-21 ta' Ottubru 2010 meta l-imputat, li kien qieghed isuq vann bin-numru ta' registrazzjoni AAE-148, kien sejjer ghax-xoghol tieghu fl-industrja tal-importazzjoni u esportazzjoni tal-patata. Kien qed isuq fi Triq Dun Guzepp, Barbara Hal Kirkop u hekk kif wasal fit-tarf taghha huwa waqqaf sabiex jesplora it-traffiku li kien hemm fit Triq il-Belt Valletta, iz-Zurrieq. Huwa ghamel dan ghaliex huwa ried jikser ghal fuq il-lemin tieghu ghal go Triq il-Belt Valletta u ghalhekk kellu necessarjament jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej minn dina it-triq mid-direzzjoni ta' Hal Luqa lejn iz-Zurrieq. Illi l-parti leza Ian Francalanza, li ukoll kien qed isuq vann bin-numru ta' registrazzjoni CBO641 u li mieghu kellu tlett tfajliet rekbin bhala passiggieri, tnejn fuq quddiem, u wahda wara, kien ser iwassal lil dawn it-tfajliet lejn id-dar wara li huma kienu spiccaw mix-xoghol. Huwa kien qieghed isuq fi Triq il-Belt Valletta direzzjoni lejn iz-Zurrieq.

L-imputat jikkontendi illi huwa waqqaf hekk kif wasal fuq l-*istop sign* sabiex jara jekk kienx gej xi traffiku fit-triq principali. Ighid illi huwa ma ra l-ebda vetturi gejjien minn fuq ix-xellug tieghu u meta hares fuq il-lemin tieghu osserva dawl gej mill-boghod. Ighid illi huwa ikkalkula illi kien jilhaq johrog billi d-dawl kien jidher li ghadu 'il boghod. Ighid illi huwa hareg u kiser ghal go Valletta Road, meta osserva il-vettura riesqa lejh b'velocita u isserrep. Dina il-vettura baqghet diehla fuq ir-rota ta' wara tal-vettura tieghu, in-naha tax-xufier. Mad-daqqa, il-vettura tal-parti leza iswervjat u dahret sabiex in-naha ta' quddiem taghha spiccat thares ukoll lejn id-direzzjoni ta' Hal Luqa fejn kien sejjer l-imputat.

Francalanza isostni illi huwa lemah il-vettura ta'l-imputat hierga mit-triq laterali u cioe' minn fuq l-istop sign meta kien madwar hmistax-il metru 'il boghod minnu u ghalkemm ipprova iwaqqaf il-vettura tieghu billi japplika il-brejks, huwa ma irnexxielux jevita l-impatt, billi jallega illi l-vettura ta'l-imputat kienet ostakolatlu il-karreggjata tieghu kollha. Jikkontendi illi huwa ma kienx qed isuq b'xi speed

eccessiv li fil-fehma tieghu ma kienx ilahhaq iktar minn sittin kilometru fis-siegha. Dina il-verzjoni tal-fatti hija ikkorroborata minn Kimberely Camilleri u Madaleine Cachia li kienu rekbin fuq is-*seat* ta' quddiem fil-vettura hdejn is-sewwieq.

Mill-iskizz u ir-rapport ta'l-incident imhejjija mis-surgent 1148 Victor Buttigieg jirrizultaw is-segwenti fatturi:

1. Hemm *brake marks* tul ta' tletin metru li jidhru taht il-vettura misjuqa minn Francalanza.
2. Hemm *stop sign* f'tarf Triq Dun Guzepp Barbara kif ukoll hemm marka bil-kelma STOP imhazza fl-art.
3. Il-vettura tal-imputat tinsab ftit skontrata izda kwazi kompletament fuq il-karreggjata tat-traffiku sejjer lejn id-direzzjoni ta' Hal Luqa.
4. Il-vettura misjuqa mill-parti leza hija skontrata fuq il-karreggjata fejn kienet qed tinsaq qabel l-impatt, izda wiccha fid-direzzjoni opposta tal-*flow of traffic*.
5. Il-vettura ta'l-imputat garrbet hsarat fuq il-kabina in-naha ta' wara u ir-rota ta' wara tan-naha tax-xufier u cioe' tal-lemin ukoll.
6. Il-vettura tal-parti leza garrbet hsarat estensivi quddiem fil-magna, is-saqaf, il-*windscreen* u il-bieba tal-lemin.

Ikkunsidrat,

Illi dwar ir-responsabbilta' ta'l-imputat fis-sewqan tieghu, l-Highway Code jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

**212. "Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq prinċipali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq principali."**

**213. "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali."**

Dana ifisser illi *minor road user* irid josserva tlett regolamenti importanti u cioe':

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma ikunx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.
2. li jaccerta ruhu li ma ikunx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk ikun hemm traffiku, ikun tant 'il boghod li l-hrug tieghu fuqha ma ikun bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku
3. li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod *inching out* u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku ighaddi.

Illi s-sinistru stradali mertu ta' dina l-kawza sehh f'salib it-toroq li huwa format minn triq principali li fiha l-utent ghandu r-*right of way* fuq kull traffiku iehor, u minn triq sekondarja li fiha l-utent hu obbligat li jaghti d-dritta lil min ikun qed isuq fit-triq principali. F'dan il-kuntest, allura, jassumi importanza determinati l-*istop sign* li ikun hemm fit-triq sekondarja. Dan mhux biss huwa indikattiv illi l-utent ta' dik it-triq ser jirfes fuq triq principali, izda ukoll ghaliex dak is-sinjal tat-traffiku jimponi obbligu fuq l-utent ta' dik it-triq li jieqaf sabiex jesplora it-trafiku fit-triq principali u ma jazzardax jirfes dik it-triq qabel ma jaccerta ruhu li ippermetta it-traffiku li ikun hemm f'dik it-triq li ighaddi jew inkella li ikun jista' jirfes it-triq principali minghajr ma ifixkel jew itellef b'xi mod l-utenti ta' dik it-triq.

Illi l-imputat ighid car u tond illi huwa ra l-vettura tal-parti leza gejja mill-boghod, izda xortawahda intenta johrog ghal fuq il-*main road* billi dehrlu li dan kien ghadu 'il boghod wisq u allura ghamel kalkolazzjoni zbaljata ta' kemm kien ser jiehu hin il-parti leza sabiex jasal hdejh. Ghalhekk dana kien ifisser illi ma kienx *safe* ghalih li johrog minn fuq l-*istop sign* qabel ma ihalli il-vettura li kien qed jara riesqa lejh tiskapolah ghal kollox. Fuq kollox wiehed irid iqies illi l-incident mertu tal-kawza sehh kmieni fil-ghodu meta kien ghadu dlam u t-triq kienet kompletament battala mit-traffiku. L-imputat ghalhekk kellu vizwali tajba tat-triq minghajr ebda ostakolu u seta' jara sew x'traffiku kien hemm. Fil-fatt mal-ewwel osserva l-vettura tal-parti leza gejja mill-boghod. L-imputat

ghalhekk ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu meta huwa iddecieda johrog minn fuq *stop sign* filwaqt li kien jaf ben tajjeb illi kien hemm vettura qed toqrob lejh fi triq battala u meta ma kienx hemm traffiku iehor. Minflok stenna bi prudenza sabiex dina il-vettura tghaddi jew inkella ipprova jaccerta ruhu sew id-distanza bejnu u bejn dina il-vettura, huwa iddecieda minnufih illi din kienet ‘il boghod hafna u qabad u hareg. Il-parti leza meta nduna bil-vettura hierga mit-triq laterali u li kienet qed tinvadielu il-karreggjata tieghu ipprova izomm *brake* bil-konsegwenza illi il-vettura tieghu bdiet isserrep ghaliex tilef il-kontroll taghha u sehh l-impatt. Illi ghalkemm l-iskizz jindika illi l-vettura ta’l-imputat kienet tinsab fuq il-karreggjata tat-traffiku sejjer lejn Hal Luqa, il-Qorti ma tistax taqbel ma’l-argumentazzjoni tad-difiza illi din lahhqet daret kompletament ghal fuq il-karreggjata taghha meta sehh l-impatt. Dana jirrizulta mill-post fejn il-vettura tal-imputat garrbet hsarat u cioe’ fuq il-parti tal-lemin in-naha ta’ wara li ifisser illi l-impatt sehh meta il-vettura kienet ghada ma iddrittatx izda kienet ghada qed iddur. Bl-impatt imbaghad x’aktarx li din giet spostjatha u daret bi dritt ghal fuq il-karreggjata.

Illi d-difiza targumenta illi l-kawza próssima ta’ dana is-sinistru stradali kien l-ispeed eccessiv li kien qed isuq bih l-parti leza, tant illi l-ufficjal tal-pulizija li acceda fuq il-post u investiga dana is-sisnistru stradali sab tletin metru *brake marks* taht il-vettura tal-parti leza. Illi l-parti leza jikkontendi illi huwa kien qieghed isuq bil-velocita ta’ sittin kilometru fis-siegha u ghalhekk ma kienx qed jeccedi il-velocita regolamentari ghal dik it-triq. Illi fil-fatt jekk wiehed ihares lejn ir-regolament 281 tal-Highway Code jirrizulta illi *brake mark* ta’ dak it-tul jikkombacja ma’ *speed* li jeccedi bi ftit il-velocia ta sittin kilometru fis-siegha. Illi l-Qorti hija tal-fehma madanakollu illi ghal dana is-sinistru stradali jahti biss l-imputat billi li kieku huwa stenna l-vettura tal-parti leza tghaddi qabel ma hareg ghal fuq it-triq principali u ma ghamilx kalkolazzjoni avventata ghax dehrlu li din il-vettura kienet ghadha ‘il boghod minnu, dana is-sinsitru stradali kien jigi evitat.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs Anthony Chircop" (11.4.2002) li :-

***Kif gie citat minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "Il-Pulizija vs Domenic Fenech" gie dejjem ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li l-kwistjoni jekk sewqan hux (i)negligenti ; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" (Ap. Krim. Pul. Vs Charles Bartolo 14.3.59; Pul. Vs. Wilson, Vol XXXIX, p 1018 u Pul. Vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p 933) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. Vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. Vs. Charles Farrugia, Vol. XXXIX, p.1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. Vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. Vs.Antonio Spiteri, Vol. XLIV p. 892).***

Illi ghalhekk, ghalkemm is-sewqan ta'l-imputat ma jistax jitqies li kien wiehed perikoluz, jew bla kont, madanakollu kien wiehed negligenti billi naqas milli juza dik il-prudenza ordinarja li ghandu juza kwalunkwe sewwieq.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat bir-reati ta'l-offiza involontarja ta' natura gravi u anke hafifa. Illi jirrizulta illi l-parti leza Ian Francalanza sofra sfregju fuq mohhu u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta' Mr. Francis Darmanin u ic-certifikat mediku rilaxxjat minnu. Ukoll Kimberely Camilleri, Christine Pace u Madaleine Cachia sofrew griehi ta' natura hafifa u dana kif iccertifikaw Dr. Krystle Theuma u Dr. Anne-Marie Busuttil. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni.

Illi l-Avukat Generali jindika ukoll id-disposizzjoni ta'l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 dwar il-hsara involontarja. Illi ma hemmx dubbju illi sehhet hsara fil-vettura tal-parti leza, ghalkemm l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar dina il-hsara. Fl-atti hemm indikazzjoni tal-hsarat mis-surgent 1148 fir-rapport tieghu, u mix-xhieda tal-parti leza li ighid illi l-vettura tieghu kienet *beyond economical repair*. Kwindi dina l-akkuza ukoll tirrzulta ippruvata.

Illi meta tigi biex tqies id-disposizzjoni tal-ligi indikata mill-Avukat Generali tal-Kapitolu 65, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula minn fejn jirrizulta illi ghalkemm is-sewqan ta'l-imputat jista' jitiqes bhala wiehed traskurat, madanakollu ma jirrizultawx l-estremi tas-sewqan perikoluz u bla kont u kwindi il-Qorti mhijiex ser tghaddi sabiex tapplika is-sanzjoni indikata fl-artikolu 15(2) ta'l-Att. Inoltre l-imputat ser jinsab hati ukoll li kiser ir-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 billi l-imputat baqa' hiereg minn fuq *stop sign* li kien hemm fit-triq.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a)(c), 328(d), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 u ir-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €1500.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------